

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-16 ta' Diċembru 2014

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas

(BĊE/2014/58)

(2014/C 465/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE ⁽¹⁾ il-Litwanja tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur il-Litwanja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 ⁽²⁾ hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.
- (3) Skont l-Artikolu 50 tal-Liġi dwar il-Lietuvos bankas, mill-1 ta' Jannar 2015 id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-Lietuvos bankas għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.
- (4) Lietuvos bankas għażel lil UAB "PricewaterhouseCoopers" bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi UAB "PricewaterhouseCoopers" għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Diċembru 2014.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-adozzjoni tal-euro mil-Litwanja fl-1 ta' Jannar 2015 (ĠU L 228, 31.7.2014, p. 29).

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.